MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 716/2012

Joseph Cachia
vs
Annabelle Camillieri Monreal

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tieghu espona:

1. Illi permezz ta' Kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Antoine Agius datat 23 ta' April 2010 l-intimata kkostitwixxiet ruha vera debitrici tal-kreditur Anthony Tanti kif jidher permezz ta' **Dokument A**.

2. Illi permezz ta' cessjoni fl-Atti tan-Nutar Marco Farrugia tat-8 ta' Gunju 2010 Anthony Tanti ceda d-drittijiet naxxenti mill-kreditu tieghu fil-konfront ta' l-intimata *ai termini* tal-kostituzzjoni ta' debitu kif ikkonfermat permezz ta' **Dokument B**.

3. Illi permezz ta' ittra datata 14 ta' Gunju 2010 l-intimata giet debitament mgharrfa ufficjalment bl-assenjazzjoni tal-kreditu u giet diretta tivversa l-pagamenti opportuni direttament lir-rikorrent Joseph Cachia skond **Dokument C**.

4. Illi ghalkemm saru pagament akkont direttament lir-rikorrenti Joseph Cachia dawn kienu saltwarji u t-terminu ddekada diversi drabi. Nonostante diversi promessi ta' pagament l-intimata baqghet inadempjenti.

5. Illi hija ddedikadiet mit-terminu tal-pagament previst fl-imsemmi atti ufficjali.

6. Illi ghalhekk l-intimata ghandha thallas lir-rikorrent Joseph Cachia kif assenjat il-kreditu originali moghti minn Anthony Tanti s-somma totali ta' tlieta u sebghin elf erba' mija u hamsin euro (EUR 73,450.00) bhala s-*sorte* u l-imghax sas-16 ta' Lulju 2012 bit-8% kif stipolat fl-imsemmi kuntratti fl-ammont ta' tmint elef u tmienja u tmenin punt tnax-il centezmu (€8,088.12).

7. Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-imsemmi ammont jew ammonti verjuri, anke permezz ta' ittra interpellatorja datata 20 ta' Jannar 2012 (kopja taghha annessa u mmarkata **Dokument 'D'**), izda baqghet inadempjenti.

8. Illi l-ammont dovut favur ir-rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tar-rikorrenti l-intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-Ligi xi tressaq kontra t-talbiet rikorrenti.

9. Illi hija accettat ukoll u ffirmat in accettazzjoni evidenti f'**Dokument E** l-ammont pretiz u dovut li minnhu

r-rikorrenti naqqsu kull versament u pagamenti mhallsa akkont.

10. Illi l-imsemmi kreditu huwa pjenament dovut lil Joseph Cachia *ai termini* tal-Artiklu 263 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-**Artikoli 167 sa 170** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Tiddikjara vera u certa debitrici fl-ammont totali ta' **tlieta u sebghin elf erbgha mija u hamsin euro (EUR 73,450.00) bhala s-sorte piu`** l-imghax sas-16 ta' Lulju 2012, fl-ammont ta' tmint elef u tmienja u tmenin punt tnax-il centezmu (€8,088.12) u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha previst fl-istess skritturi bit-8%;

3. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent Joseph Cachia s-somma totali ta' **wiehed u tmenin elf hames mija u tmienja u tletin euro u tnax-il centezmu (EUR 81,538.12)** liema somma tinkludi s-*sorte* u l-imghax sas-16 ta' Lulju 2012, u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi l-ispejjez tal-ittra legali datata 20 ta' Jannar 2012 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess intimata, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ Joseph Cachia fejn bazikament fih ikkonferma r-rikors guramentat.

Xehed l-attur Joseph Cachia u ikkonferma li ghandu jiehu €81,538.12 u ikkonferma li ma rcieva ebda hlas minn mindu gie prezentat ir-rikors guramentat. Dak kien l-ammont u bl-imghax maghmul sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

Rat illi l-intimata debitament notifikata skond il-ligi ma dehritx ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghaliha.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jidhru gustifikati, u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai finijiet ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara lill-intimata vera u certa debitrici fl-ammont totali ta’ €73,450.00 bhala s-sorte piu` l-imghax sas-16 ta’ Lulju 2012, fl-ammont ta’ €8,088.12 u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha previst fl-istess skritturi bit-8%.

Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent Joseph Cachia s-somma totali ta’ €81,538.12 liema somma tinkludi s-*sorte* u l-imghax sas-16 ta’ Lulju 2012, u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi l-ispejjez ta’ l-ittra legali datata 20 ta’ Jannar, 2012 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------